**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Joseph Busuttil]**

**vs**

**Eugenio Agius**

**Kumpilazzjoni Numru: 1319/12**

**Illum, 30 ta' Gunju, 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Eugenio Agius detentur tal-karta tal-identita` numru 345260M akkuzat talli fis-27 ta' Lulju 2012 ghall-habta ta' 18:00hrs u fix-xhur ta' qabel, fi Triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar u f'dawn il-Gzejjer:

1) Zamm jew qabel li jinzammu tmien tiklieb f'post li mhuwiex dicenti li fih jinzammu l-klieb meta kien responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom;

2) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu sitt iklieb ta' eta` l-fuq minn erba' xhur u ma ghamilx il-microcippa elettronika lill-klieb skont ir-regolamenti preskritti;

3) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi naqas li jhallas id-dritt preskritt tal-licenzja lid-Direttur tal-Veterinarji biex jigi rregistrat u identifikat elettronikament permezz ta' cippa inserita intrascapulae bhala mezz ta' identifikazzjoni u ghalhekk ma kellux licenzja mid-Direttur u ma tax dak it-taghrif mehtieg lid-Direttur biex jirregistra n-numru tal-microcippa fid-Database Nazzjonali u Dipartimentali skont il-Ligi;

4) Aktar talli fl-sitess data, lok, hin u cirkostanzi bhala nissiel (breeder) tal-klieb ma kellux Licenzja mahruga mid-Direttur sabiex jaghmel dan;

5) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala nissiel (breeder) naqas milli jzomm registru tat-tnissil ezatt li jinkludu d-data tat-twelid, isem il-genitur, is-sess tal-griewi mwielda, l-ghadd ta' griewi mwielda u li jmutu, jekk jigri dan;

6) U aktar talli rrenda ruhu recidiv b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 4 ta' Dicembru 2012 fejn ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat zamma ta' annimali, senjatament klieb, f'post mhux xieraq.

Illi xehed **Emanuel Buhagiar** bhala rapprezentant ta' Animal Welfare li qal gie msejjah mill-Ispettur biex jassisti spezzjoni f'hanut il-Qawra. Hemmhekk sab zewgt iklieb marbutin li ma kellhomx *microchip* u erbat iklieb ohra bil-griewi li wkoll ma kellhomx

*microchip* u kienu qeghdin mizmumin f'spazju ristrett u li tant kienu f'distress li kielu l-injam. Huwa qal li dawn il-klieb kienu ghal bejgh. Qal ukoll li mid-daqs taghhom kien hemm klieb li kellhom 'l fuq minn sentejn. Ix-xhud qal li l-imputat ma kellux la licenzja, la registru u lanqas *microchips*. L-imputat qallu li huwa jzomm il-klieb ghal skopijiet ta' *breeding.* Ix-xhud ipprezenta rapport li gie mmarkat bhala Dok. EM1.

Inkontroezami kkonferma li kien l-imputat stess li qal li l-hanut huwa tieghu u li l-klieb huma tieghu. Ix-xhud esebixxa wkoll Dok. EB2 li juri li kelb minnhom lanqas kien sar it-*transfer* tieghu u kien ghadu jidher fuq isem haddiehor.

Illi xehed **PS 914 Ivan Mifsud** li qal li mar jaghmel spezzjoni minhabba li kien hemm rapporti minn girien fuq storbju ta' klieb. Fil-hanut sab lil Eugenio Agius li gharaf fl-awla li qal li kellu l-permessi izda ma kinux fuqu. Ix-xhud ra diversi klieb u meta staqsieh jekk kienux iccippjati l-imputat qallu li skont l-Animal Welfare Department ma kienx hemm ghalfejn ghax il-klieb kienu ghall-bejgh. Mill-investigazzjoni li ghamel mat-Trading License Unit innota li l-applikazzjoni tal-imputat ghal-licenjza kienet

waqghet ghaliex qatt ma ha d-dokumenti necessarji. Innota wkoll li skont l-Animal Welfare Department il-klieb kollha kellu jkunu ccipjati jekk ghall-bejgh jew le.

Xehed ukoll **Vince Ciantar** li huwa *manager* tal-lukanda Bella Vista. Huwa spjega li l-lukanda taghti *questionnaire* lir-residenti sabiex jimlew l-istess fejn hafna residenti lmentaw fuq storbju ta' klieb. Huwa qal li kien hemm xi sebat iklieb fuq il-bejt ta' Eugenio Agius, li gharaf fl-awla. Qal li r-residenti tal-lukanda stess kienu jaghmlu rapport lill-Animal Welfare. Huwa zied jghid li dawn l-ahhar tmien xhur ma kienx hemm iktar storbju pero` kien ikun hemm residenti li jghidulu li l-klieb mhumiex mizmumin tajjeb ghax il-bejt ikun kollu hmieg. Ix-xhud esebixxa filmat li gie mmarkat bhala Dok. VC1 (fol. 45).

Inkontroezami gie stabbilit li l-istess filmat ittehed minn certu Mr. Formosa li huwa l-imghallem tieghu. Minhabba f'hekk id-difiza tablet l-isfilz tal-istess filmat liema sfilz gie akkordat (verbal tat-12 ta' Mejju 2014).

Illi xehed **Dr. Jean Pierre Giorgio** li gie nominat wara li d-difiza allegat li l-imputat ma kienx fi stat mentali li jixhed minhabba li jbati minn '*resistant repressive disorder*'. L-espert ikkonkluda li l-imputat ibaghti minn dipressjoni akuta izda huwa ghandu l-kapacita` li jsegwi l-proceduri tal-Qorti u *"ghaldaqstant huwa fit to plead izda minhabba d-diffikulta` li kultant ikollu biex jiffoka, jikkoncentra u jiftakar huwa importanti li l-proceduri tal-Qorti jimxi b'pass meqjus sabiex hu jkollu l-hin jifhem kollox*." L-espert esebixxa r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok. JPG a fol. 83.

Xehed l-**imputat Eugenio Agius** li qal li kellu karta specjali biex jiehu certu pilloli qawwijin li kienu jraqduh. Huwa kien rieqed ghand ommu fejn gew jghajtulu t-tfal tieghu ghax il-pulizija riedu jkellmuh. Huwa spjega li dan huwa garaxx kbir maqsum f'xi erba' partijiet. L-imputat qal li m'ghandu x'jaqsam xejn ma' dawn il-hwienet kollha. L-imputat qal li ghandu dokumenti li juru li huwa m'ghandu xejn x'jaqsam – dawn gew prezentati u mmarkati bhala Dok. EA1. Skont hu d-dokumenti juru li l-hanut qieghed fuq Josephine Agius li skont hu kienet il-mara tieghu. Mistoqsi ghalfejn dakinhar ma qalx lill-pulizija li m'ghandux x'jaqsam mal-hanut qal li kien bil-pilloli qawwijin u kien *"mahsud imqajjem"*. Huwa zied

jghid li ma kienx jaf ghalfejn gew il-pulizija ghaliex skont hu ma ghamel xejn hazin. L-imputat sotna li fuq il-bejt tal-garaxx ma kien hemm xejn u l-klieb kienu fil-plott ta' ma' genbu. Huwa qal li kellhom jaqbzu biex marru f'dak il-plott u li dan il-plott ma jghajjatx lilu. Meta gie mistoqsi dwar il-klieb l-imputat qal li mhumiex tieghu. Skont l-imputat meta dahlu fil-plott ta' ma' genbu dahlu fil-bitha ta' appartament. Mistoqsi ghalfejn halla lill-Pulizija jiehdu ritratti ta' klieb li mhumiex tieghu qal: "*Jiena nista' nzomm xi Pulizija?*"

Inkontroezami mistoqsi kif fetah il-bieb u tella' l-pulizija fuq il-bejt jekk il-post mhuwiex tieghu qal li l-bieb kien miftuh u mhux imsakkar. L-imputat rega' sostna li huwa m'ghandux x'jaqsam ma' licenzji izda wara kkonferma li l-proprjeta` hija tieghu. Huwa sostna li ma jafx ta' min huma l-klieb ghax kienu fil-plott l-iehor. Qal ukoll li ma jiftakar xejn li gara dakinhar. L-imputat ikkonferma li meta telghu fuq hdejn il-kmamar tal-klieb huwa kien fethilhom il-bibien ta' dawn il-kmamar. Mistoqsi mill-Ispettur kif fetah dawn il-bibien meta l-klieb mhumiex tieghu qal: *"Mhux int tlabtni?"* L-imputat innega li kien qal lill-pulizija li dawn il-klieb kienu qeghdin ghandu biex ibieghhom.

Il-Qorti tinnota li dak esebit mill-imputat a fol. 114 tal-atti processwali (Dok. EA1) jirrisjali ghas-sena 2017 u cioe` ferm wara d-data inkriminata u hija ittra generali fejn certu Josephine Agius qed tigi infurmata li m'hemmx iktar il-htiega ta' Licenzja tal-Kummerc.

Rat illi fis-27 ta' Jannar 2020 saret trattazzjoni u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi f'dan il-kaz l-imputat jinsab addebitat bl-imputazzjonijiet ta' trattament mhux xieraq tal-annimali fost akkuzi ohra. Dawn il-proceduri nbdew fil-konfront tal-imputat wara li kien hemm diversi lmenti minn girien rigward storbju ta' klieb. Mill-provi rrizulta li Emanuel Buhagiar mid-Dipartiment tal-Animal Welfare gie msejjah sabiex jassisti lill-Ispettur Joseph Busutill fejn di fatti marru fil-hanut Fishing World, fi Triq il-Qwara, Qawra. Filwaqt illi jidher car it-trattament mhux xieraq mir-ritratti esebiti mill-Animal Welfare Department, mill-provi rrizulta car li Emanuel Buhagiar ghamel spezzjoni fl-imsemmi fond fil-31 ta' Lulju 2012. Tant hu hekk li r-

rapport tieghu li jinsab a fol. 22 tal-process (Dok. EB2) jghid car u tond li l-ispezzjoni saret fil-31 ta' Lulju 2012 u ma hemm ebda indikazzjoni ta' data ohra.

Illi d-difiza fit-trattazzjoni taghha ghamel accenn fuq il-fatt illi c-citazzjoni taqra s-segwenti: *"talli fis-27 ta' Lulju 2012 ghal habta ta' 18:00hrs u fix-xhur ta' qabel, fi Triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar u f'dawn il-Gzejjer.."* Id-difiza argumentat li c-citazzjoni lanqas ma tispecifika lok partikolari u di fatti jirrizulta biss mill-provi li l-klieb inkwistjoni nstabu f'hanut jismu Fishing World li jinsab fi Triq il-Qawra, il-Qawra. Apparti minhekk, id-difiza senjalat il-fatt li d-data inkriminata tispecifika s-27 ta' Lulju 2012 u x-xhur ta' qabel u ghalhekk il-Qorti qatt ma tista' ssib lill-imputat hati ghal dak li gara fil-31 ta' Lulju 2012 ghax tali data mhijiex koperta fil-perjodu indikat fid-data li tnizzlet mill-Prosekuzzjoni fic-citazzjoni.

Il-Qorti tirrileva li l-Prosekuzzjoni bbazat il-kawza taghha fuq ir-rapport u dak li kkonstata Emanuel Buhagiar mill-Animal Welfare Department liema rapport jirreferi specifikament ghall-31 ta' Lulju 2012.

Illi ma hemmx dubju li l-Prosekuzzjoni kellha tindika l-31 ta' Lulju tas-sena 2012 bhala d-data inkriminata u mhux is-27 ta' Lulju tas-sena 2012. Il-Qorti tinnota li fl-istess data inkriminata hemm ukoll imnizzlin il-kliem: "*u fix-xhur ta' qabel*" li certament ma jkoprix dak li gara wara s-27 ta' Lulju 2012.

Illi huwa fundamentali li z-zmien meta sar ir-reat jaqbel maz-zmien indikat fic-citazzjoni. In effetti r-reat irid jikkombacja mad-data inkriminata. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Nicole Anne Testa li giet deciza fil-31 ta' Mejju 2017[1] fejn l-istess Qorti rriteniet is-segwenti: *"Is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li: Ic-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw.....".* L-istess Qorti imbaghad taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet Pulizija vs John Mary Briffa[2] fejn kien hemm zball fil-hin ta' meta sehh l-incident fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet li: *"L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il*

[1] Appell numru 566/2016 EG
[2] Deciza fit-18 ta' Ottubru 2005

*siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta' tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi f'l-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament."* Il-Qorti fil-kawza kontra Nicole Anne Testa kompliet billi ddecidiet hekk: *"il-Qorti qatt ma tista issib htija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun sehh fi zmien iehor u mhux dak indikat fl-akkuza, cirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-kaz imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan ghaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna imharrka tkun tista thejji id-difiza taghha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lillha f'dik ic-citazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu gew indikati hazin, allura il-binarji ta' lazzjoni ma ikunux gew definiti jew ikunu gew definiti hazin. … Illi il-Qorti ftit ghandha x'izzid meta rinfaccjata b'dan id-difett procedurali billi l-akkuzi kollha jirreferu ghal data ohra u mhux dik meta sehh dan is-sinistru*

*stradali biex b'hekk l-appellanti qatt ma tista' tigi misjuba hatja li wettqet ir-reati addebitati fil-gurnata indikata fic-citazzjoni, u cioe' dik tal-05 ta' Mejju 2015, billi kellu jirrizulta mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni illi dawk ir-reati sehhew f'jum iehor."*

Illi fil-kaz odjern il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni qatt ma talbet korrezzjoni tad-data inkriminata u in oltre l-Prosekuzzjoni lanqas biss irribattiet dak li gie sollevat mid-difiza waqt it-trattazzjoni.

Konfrontata b'tali zball fid-data inkriminata l-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tillibera lill-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat Eugenio Agius hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**